MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2015

Citazzjoni Numru. 582/2011

**Joseph Caruana għan-nom u f'isem bintu minuri Natasha Caruana**

**-vs-**

**Wailin Grech; Nikita Mc Anally**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fl-20 ta' Ġunju 2011 minn Joseph Caruana għan-nom u fl-interess ta' bintu minuri Natasha Caruana, fejn ġie premess:

Illi fis-26 ta’ Frar tas-sena elfejn u tmienja (26.02.2008) mietet ġewwa San Ġwann, Theresa Sciberras (Dok A), omm il-kontendenti;

Illi minn riċerki testamentarji kemm pubbliċi (Dok B) kif ukoll sigrieti (Dok C), irriżulta illi l-istess Theresa Sciberras kienet għamlet testament fl-atti tan-Nutar Dr Christine Abela tad-19 ta’ Ottubru tas-sena elfejn u wieħed (19.10.2001) (Dok D), li permezz tiegħu nnominat bħala werrieta universali tagħha lit-tlett itfal tagħha ’l hawnhekk kontendenti, fi kwoti ndaqs bejniethom;

Illi permezz ta’ digriet nru 697/2008 tal-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni ta’ Gurisdizzjoni Volontarja) (Dok E) Joseph Caruana ġie reintegrat fis-setgħa ta’ ġenitur ta’ Natasha Caruana u ġie wkoll debitament awtoriżżat sabiex jaċċetta l-wirt f’isem bintu bil-benefiċċju tal-inventarju u bl-aċċettazzjoni tan-nota deskrittiva tal-assi tad-decujus Theresa Sciberras;

U peress illi r-rikorrenti ma tixtieqx tibqa’ iżjed fil-komunjoni mal-intimati ħutha fil-beni tad-decujus;

Għaldaqstant ir-rikorrenti titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tillikwida l-assi ereditarji tal-mejta Theresa Sciberras, omm il-kontendenti, billi jiġi dikjarat li tikkonsisti f’dawk il-beni mobbli u immobbli li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

2. Taqsam l-istess assi ereditarji hekk likwidati fi tliet porzjonijiet ugwali, wara li jitħallsu l-legati mħollija bl-istess testment, liema porzjonijiet jiġu assenjati lill-kontendenti kollha;

3. Tordna illi f'każ ta' proprjeta' immobbli li ma hix komodament diviżibbli, tordna il-bejgħ tagħha li jkun miftuh għal oblaturi estraneji u r-rikavat jiġi maqsum skond kif deskritt fit-tieni talba;

4. Tinnomina, jekk ikun il-każ, Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-att opportun u kuraturi għall-eventwali kontumaċi u jiġi ffissat il-jum, ħin u lok għall-pubblikazzjoni tal-istess.

Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimati li huma minn issa nġunti għas-subizzjoni .

Rat illi minkejja li debitament notifikati l-konvenuti ma ppreżentaw ebda risposta ġuramentata, u għalhekk huma kontumaċi.

Rat ir-rapport tal-perit tekniku l-A.I.C. Mario Cassar li għamel stima tal-proprjetajiet illi kellhom jiġu diviżi u li ġie debitament maħluf;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat il-verbali, inkluż l-aħħar wieħed tas-16ta' Jannar 2015 fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi kif jidher mill-premess il-kawża hija waħda ta' diviżjoni tal-proprjetajiet illi l-partijiet wirtu mingħand ommhom li mietet ta' 50 sena fl-2008, u li l-wirt tagħha kellu jiġi regolat mit-testment li ġie

esebit u msemmi fir-rikors. Skond dan it-testment tħallew legati ta' Lm80,000 (illum €186,400) lill-attriċi u lill-konvenuta u lill-partijiet kollha t-testatriċi ħalliethom werrieta universali ndaqs bejniethom.

Illi l-proprjetajiet soġġetti għal din il-qasma huma elenkati u stmati fir-rapport peritali a fol. 62 tal-proċess u palesament ma humiex komodament diviżibbli mhux tant minħabba l-valuri iżda minħabba d-diskrepanza kbira bejn proprjeta' u oħra li bilfors ikollha tirriżulta f'ordnijiet ta' ekwiparazzjoni mhux realistiċi. Huwa risaput li talba għal qasma tinkludi talba biex issir liċitazzjoni (illi f'kull każ f'din il-kawża saret) jekk il-qasma ma tkunx fl-aħjar interess tal-partijiet. L-attur nomine esebixxa ftehim li kien ġie ffirmat mill-partijiet iżda jidher li dan ma ġiex osservat u allura l-Qorti jkollha tiddeċiedi l-kawża skond il-liġi.

Il-Qorti għalhekk se tordna l-bejgħ in liċitazzjoni tal-proprjetajiet kollha u dan a bażi tal-valutazzjonijiet mogħtija mill-espert tekniku fuq imsemmi. Għandhom jinqasam ukoll kull kont bankarju f'isem il-mejta.

**DEĊIŻJONI**

**Għaldaqstant il-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi *oltre* l-ħlas tal-legati ta' mija u sitta u tmenin elf u erba' mitt Ewro (€186,400) kull waħda lill-attriċi u lill-konvenuta Nikita Mc Anally miż-żewġ partijiet l-oħra, tilqa' l-ewwel tlett talbiet attriċi *in toto,* u allura tordna l-bejgħ in liċitazzjoni ta' dawn il-fondi:**

- **Villa Samara, Triq is-Sebuqa, Mensija, San Ġwann a bażi tas somma ta' tliet mitt elf Ewro (€300,000); u**

- **Meżżanin numru 200, ġja' 220, Triq Santa Elena Sliema a bażi tal-prezz ta' ħamsa u sittin elf Ewro (€65,000);**

**Ir-rikavat għandu jinqasam bejn il-partijiet f'ishma ugwali;**

**Tordna li l-kontijiet bankarji (senjatament iżda mhux esklussivament il-kont mal-Bank of Valletta numru 40016808777) f'isem il-mejta Theresa Sciberras jinqasmu bejn il-partijiet f'ishma ugwali, u ċjoe' terz kull wieħed u waħda.**

**L-ispejjeż tal-kawża jinqasmu bejn il-partijiet kollha fil-kawża b'mod ugwali.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------